31997R1059

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1059/97
tal-11 ta' Ġunju 1997
li jaġġusta l-qabda kwantità massima ta' sajd annwali għall-ċerti żoni ta' sajd.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/95 tal-15 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi sistema ta' ġestjoni tal-qabda ta' ħut li għandu x'jaqsam ma' ċerti żoni u riżorsi ta' sajd fil-Komunità [1], u b'mod partikolari it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2027/95 jipprovdi li l-Kummisjoni, fuq talba ta' Stat Membru, għandha tieħu l-passi neċessarji biex dak l-iStat Membru partikolari jkun jista' jistad il-kwoti tiegħu, skond kif imniżżel fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 tas-27 ta' Marzu 1995 dwar il-ġestjoni ta' l-ammont ta' sajd li għandu x'jaqsam ma' ċerti żoni u riżorsi ta' sajd fil-Komunità [2];

Billi l-Olanda talbet lill-Kummisjoni biex taġġusta il-qabda massima annwali li l-bċejjeċ tal-baħar tagħha setgħu jagħmlu figward ċerti kwoti allokati għaliha b'mod konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 390/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 li jiffissa għal ċerti riżervi ta' ħut it-total ta' qbid permess għas-sena 1997 u ta' ċerti kondizzjonijiet dwar kif għandhom jiġu maqbuda [3], skond kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 711/97 [4];

Billi dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament sabiex jippermetti l-Olanda tistad skond il-kwota tagħha;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-qabda massima annwali ta' ħut għar-Renju ta' l-Olanda fil-kaz ta' speċi ta' ħut tal-qiegħ li biex jinqabdu jintuża xbiek miġbud, kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2027/95, huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda jgħodd mid-9 ta' Ġunju 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 199, ta' l-24.8.1995, p. 1.
(2) ĠU L 71, tal-31.3.1995, p. 5.
(3) ĠU L 66, tas-6.3.1997, p. 1.
(4) ĠU L 106, ta' l-24.4.1997, p. 1.

Zona ta'sajd					Qabda massima (*)			
Tagħmir tas-sajd	Speċi maqbuda	Zona ICES jew Cecaf			NL			
Xbiek miġbud	Ħut tal-qiegħ	Vb ([1]), VI, VII, VIII, IX, X u Cecaf 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0			4 076			
		li minnhom:	Vb ([1]), VI		1 000			
			li minnhom:	(**)	0			
			VII		3 076			
			li minnhom:	(**)	0			
				VII a	1 089			
				VII f ([2])	0			
			VIII a, VIII b, VIII d		0			
			VIIIc, VIIIe, IX, X u Cecaf 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0		0			
			li minnhom:	VIII c, VIII e, IX ([3])	0			
				IX ([4])	0			
				X ([4])	0			
				Cecaf 34.1.1 ([3])	0			
				Cecaf 34.1.2 ([3])	0			
				Cecaf 34.2.0 ([3])	0			
				Cecaf 34.1.1 ([4])	0			
				Cecaf 34.1.2 ([4])	0			
				Cecaf 34.2.0 ([4])	0			

(*) Espressi f'eluf ta' kW x ġranet fiż-żona'.

(**) Zona kif definita f'Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 685/95. Il-qabda massina għal din iż-żona tinkludi kemm xbiek miġbud kif ukoll fiss.

([1]) Ħlief f'ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Faeroe u l-Iżlanda.

([2]) 'Il fuq minn 50o 30' N.

([3]) Fl-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni ta' Spanja.

([4]) Fl-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni tal-Portugall.